MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 279/2011

**Anthony Attard ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ Mazars Malta**

**vs**

**Abakus Solutions**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici kif pprezentat minnha fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-24 ta’ Awwissu 2011 fejn talbe lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha is-somma ta’ erbat elef, tlett mija u sebgha u tletin Ewro u tmienja u sittin Ewro centezmu (€4,337.68) rapprezentanti spejjez relatati ma’ servizzi ta’ *accounting* mitluba mill-konvenut u moghti lilu mis-socjeta’ rikorrenti, kif jirrizulta mill-*istatement* u l-*invoice* relattivi u mill-assjem ta’ invoices mahruga minn Mazars Malta bejn Marzu tas-sena 2008 u Jannar tas-sena 2009 (kopji annessi u mmarkati bhala ‘Dok 1’).

Is-socjeta’ intimata, ghalkemm interpellata diversi drabi, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluz ta’ l-ispejjez ta’ l-ittra ufficcjali pprezentata skond l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 29 ta’ Ottubru 2010 u l-imghaxijiet legali bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta, dekoribbli mid-data ta’ l-*invoices* relattivi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess socjeta’ intimata li rapprezentanti legali taghha huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta kif ipprezentata fl-atti nhar it-18 ta’ Ottubru 2011 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. Preliminarjament in-nullita tar-rikros promotur stante li dan sar f’isem entita ossia ‘*Mazars Malt’a* li m’ghandha ebda personalita’ guridika.
2. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma preskritti fit-termini tal-**Artikolu 2149(c)** tal-Kodici Civili.
3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jimmeritawx li jigu akkolti kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.
4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont pretiz huwa esagerat u hemm lok li jigi temperat.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Anthony Attard** xehed nhar il**-**15 ta’ Novembru 2011 u spjega li Mazars Malta hija *triple partnership* bejn tlett individwi. Qal li bhala Mazars Malta huma ghamlu negozju mas-socjeta’ Abakus Solutions. Mazars Malta hija partnerships bejnu u bejn Paul Giglio u Alan Craig. Huwa ipprometta li jesebixxi dan is-*civil agreement* li ghandhom bejniethom fis-seduta li jmiss.

Nhar il-11 ta’ Jannar 2012 **Anthony Attard** rega’ xehed u esebixxa kopja ta’ dan il-*partnership* li gie mmarkat bhala dokument ‘Z’, kif gja spjegat dak ezistenti bejnu u bejn

Paul Giglio u Alan Craig. Esebixxa wkoll certifikat mill-*Accountancy Board* fejn huma kienu gew kostitwiti bhala Attard, Gilgio & Co. u dan gie immarkat bhala Dokument Z1. Hemm wkoll risoluzzjoni, li kienet tghid li wiehed mill-partners seta' jagixxi wahdu liema risoluzzjoni giet immarkata bhala Dokument Z2. Esebixxa wkoll dokument mahrug mill-*Accountancy Board* fejn jindika li Mazars hija *civil partnership*, dan id-dokument huwa mmarkat bhala Dok Z4.

Rat illi l-konvenut kien qed jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu u ghalhekk fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, din l-eccezzjoni giet trattata u din is-sentenza ser tinghata biss fuq din l-eccezzjoni preliminari, ossia jekk Mazars Malta ghandhiex personalita' guridika li tharrek independentement mis-socji taghha.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jghid li Mazars Limited hija organizazzjoni guridika li taqa' taht dak li jiddisponi l-Artikolu 1(3) misjub fit-tieni skeda titolu wiehed tal-Kap 16 intitolat 'Fuq Organizazzjonijiet Guridici' filwaqt li l-konvenut ma jaqbilx u jghid li stante li Mazars Malta ma hix socjeta' registrata b'responsabbilita' limitata allura s-siehba taghha messhom harku personalment lis-socjeta' konvenuta.

Qabel l-Att XIII tas-sena 2007, il-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kien jirregola biss persuni fizici u mhux persuni guridici. Għalkemm il-persuni guridici ilhom rrikonoxxuti għal zmien twil f'Malta, qatt ma kien hemm ligi specifika li ttrattathom b'mod komprensiv u olistiku.

Bis-saħħa tal-imsemmi Att XIII, il-Kodici Civili issa għandu t-Tieni Skeda li tirregola r-registrazzjoni ta' organizazzjonijiet guridici kemm dawk Maltin jew barranin u internazzjonali (liema organizazzjonijiet jistgħu jkollhom personalità guridika jew le u huma soggetti għall-ligi tal-post tat-twaqqif tagħhom) u tagħti wkoll personalità guridika lil dawn l-organizzazjonijiet Maltin li huma kapaci jakkwistaw din il-personalità skont r-rekwiziti stabbiliti fl-imsemmi Att.

L-Att XIII tas-sena 2007 emenda wkoll u ccara lit-tifsira tat-terminu ‘persuna’ fl-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249) li kienet qajmet xi mistoqsijiet fl-interpretazzjoni u kienet wasslet għal sentenzi konflingenti f’dan ir-rigward.

L-Att XIII hija ligi komprensiva li tapplika għall-persuni guridici kollha, li wħud minnhom jistgħu jkunu rregolati minn ligijiet specjali minbarra t-Tieni Skeda tal-Kodici Civili. Fil-gerarkija tal-ligijiet, il-ligijiet specjali jieħdu precedenza fuq it-Tieni Skeda. Jekk kwistjoni hija rregolata mit-Tieni Skeda imma mhix regolata minn ligijiet specjali jew minn dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili, tapplika t-Tieni Skeda.

Jekk ikun hemm kunflitt bejn it-Tieni Skeda u l-ligi specjali, il-ligi specjali tirbaħ fuq it-Tieni Skeda. It-titlu dwar is-Socjetajiet civili fil-Kodici Civili hija kkunsidrata bħala ligi specjali fiha nnifisha u għalhekk tirbaħ fuq it-Tieni Skeda.

L-organizazzjonijiet li m’humiex irregolati minn ligijiet specjali huma rregolati mit-Tieni Skeda tal-Kodici Civili. Għalhekk it-Tieni Skeda tirregola l-assocjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet billi m'hemmx ligi specjali li tirregolhom. L-assocjazzjonijiet m’humiex obbligati jirregistraw skont it-Tieni Skeda izda l-fondazzjonijiet huma obbligati jagħmlu dan.

L-attur Anthony Attard spjega fix-xhieda tieghu li huwa ghandu *partnership* flimkien ma’ zewg *accountants* ohra u cioe’ Paul Giglio u Alan Craig u dan skond *partnership agreement* li huwa pprezenta u li huwa mmarkat bhala dok Z. Jghid li in segwitu tal-kostituzzjoni ta’ din il-partnership, huma kienu gew rikonoxxuti mill-Accountancy Board bhala Attard, Giglio & Co. Kif jidher mid-dokument Z1 jidher li l-Ministru tal-Finanzi kien accetta l-applikazzjoni taghhom maghmula ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 281 sabiex l-*partnership* taghhom tigi hekk registrata. F’din l-ittra esebita a fol. 24 hemm miktub mis-segretarja tal-*Accountancy Board* li f’kaz ta’ xi tibdil f’xi dettal fil-partnership, huma ghandhom jikkomunikaw mall-Board fi zmien hmistax-il jum minn tali tibdil. Anthony

Attard esebixxa dokument iehor (Dok Z4) mahrug mill-*Accountancy Board* fejn hemm indikat li l-organizazzjoni Mazars Malta hija organizzazzjoni registrata ai fini tal-Kap 281 u tidher fuq il-lista tal-*Audit firms* u *partnerships* li huma registrati mal-*Accountancy Board*. F’dan id-dokument, proprju fejn hemm imnizzel isem din l-partnership Mazars Malta, hemm indikat ukoll min huma l-*principals* ta’ din il-partnership u jidher li huma l-istess socji li kien hemm fil-partnership Attard Giglio & Co u l-*primary contact person* taghha huwa l-attur Anthony Attard.  Jidher ukoll skond il-ftehim esebit u mmarkat bhala dok Z li din il-partnership gdida giet registrata wara li s-socji ta’ Attard Giglio & Co ghamlu ftehim gdid ma’ socjeta’ estera Mazars Srl, kumpanija Belgjana,  fejn obbligaw ruhhom li jbiddlu isem il-*partnership* taghhom u hekk sar.  Dan kollu legittimu u sar skond il-ligi lokali u cioe’ skond l-Kap 218.

Jidher ghalhekk li din l-organizazzjoni hija regolata minn ligi specjali u cioe’ l-Kap 218 li fiha dispozizzjonijiet għar-registrazzjoni tagħha u għall-għoti ta’ personalità guridika, u ghalhekk m’hemmx lok li din l-organizazzjoni tigi irregistrata fir-Registru Pubbliku mir-Registratur għal Persuni Guridici u skont id-dispozizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili u Regolamenti maħruga taħtu.

Ghalhekk fejn organizazzjoni tista’ takkwista personalità guridika bir-registrazzjoni taħt ligi oħra li hija applikabbli għall-forma tal-organizazzjoni, din l-organizazzjoni ma tistax tkun irregistrata skont id-dispozizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili u hija l-ligi specjali li tieħu precedent fuq l-imsemmija Skeda. Huwa biss jekk il-ligi specjali tagħti personalità guridika lil organizazzjoni mingħajr ma tipprovdi għar-registrazzjoni u għal Registru, tapplika t-Tieni Skeda bħala l-unika ligi applikabbli.

**Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna il-prosegwiment tal-kawza.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------